MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 123/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Renald Cutajar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Renald Cutajar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2001:

(a) minghajr setgha skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet fejn fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil omissis ta' 14-il sena sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(b) fil-pubbliku, jew f'post espost ghall-pubbliku, bil-vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta'  omissis ta' 14-il sena;

(c) fil-pubbliku, jew f'post espost ghall-publiku, b'ghemil zieni ikkorrmpa lill-istess omissis ta' 14-il sena;

(d) b'hekk irrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (9.12.94, 29.4.97, ecc.) li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Mejju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Renald Cutajar hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk illiberatu minn dawk l-imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fid-9 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija fuq l-imputazzjonijiet kolhha u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li kien hemm konflitt ta' provi ghax dak li qalet omissis kien kontradett mill-imputat u ibnu. Jghid li fil-fatt iben l-imputat stess ammetta li kellu jistenna lil missieru meta dan allontana ruhu ghal ftit ma' omissis u ghalhekk ix-xiehda ta' omissis hi korroborata. Inoltre l-appellant isostni li l-evidenza medika li omissis ghadha vergni mhijiex konklussiva stante dak dispost fl-artikolu 206 tal-Kodici Kriminali.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' apprezzament tal-provi u huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u

legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament"**

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti biex tara jekk dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Din il-Qorti tapprezza li

mhuwiex facli ghal tifla taht l-eta` li tirrakkonta sitwazzjoni bhal dik li allegatament sabet ruhha fiha. Madanakollu biex Qorti tista' ssib il-htija fil-persuna li allegatament ikkommettiet id-delitti in kwistjoni, l-istat tal-provi jrid ikun tali li l-Qorti tista' tasal ghal dik il-konkluzjoni b'serenita`. Fi kliem iehor il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond reasonable doubt* sabiex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-kolpevolezza ta' l-imputat.

Issa, dwar l-ewwel punt imqajjem mill-appellant, cioe` li iben l-appellat qal li missieru kien allontana ruhu ghal ftit ma' omissis, din il-Qorti ezaminat ix-xiehda ta' Clyde Cutajar (iben l-appellat). Huwa jghid li n-nannu tieghu kien qallu li jekk ma jghidx li l-appellat kien telaq ma' omissis kien sejjer jaqflu l-Abatija, u li ommu qaltlu biex jghid kif kien qed jghid in-nannu. Jammetti li fil-fatt lill-Pulizija (lill-Ispettur Sharon Tanti) tahom il-verzjoni skond kif kien qallu nannuh. Izda fil-fatt fix-xiehda tieghu cahad ghal diversi drabi li l-appellat kien allontana ruhu ma' l-imsemmija omissis u baqa' jinsisti li l-ewwel verzjoni kien taha minhabba t-theddida li ghamillu nannuh.

Dwar il-kwistjoni mqajma mill-appellant b'referenza ghall-artikolu 206 tal-Kodici Kriminali, ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni tal-fatt li, skond din id-disposizzjoni tal-ligi, id-delitti msemmijin fit-Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali li sabiex isiru jehtieg li jkun hemm kongungiment karnali, "ghandhom jitqiesu ikkunsmati bil-bidu tal-kongungiment, minghajr ma tkun mehtiega l-prova ta' atti ohra." L-appellant fil-fatt isostni li ghalhekk l-evidenza medika li omissis ghadha vergni mhijiex konklussiva.

Ir-rilevanza ta' l-evidenza medika hi fis-sens li tikkonfliggi ma' dak li qalet l-imsemmija omissis. Hija sostniet fix-xiehda taghha li kien hemm penetrazzjoni (ara b'mod partikolari a fol. 33). Mill-banda l-ohra kemm it-tabib Dr. Christopher Zarb kif ukoll it-tabiba Dr. Yves Muscat Baron ikkonfermaw li ma kienx hemm penetrazzjoni.

Omissis tallega li l-appellat stupraha wara li kien hadha minn hdejn il-bandli tal-Fgura fil-karrozza tieghu filwaqt li

halla warajh lil ibnu sakemm rega' lura. L-istess omissis tghid li dakinhar kien gie ragel ikellem lill-appellat u qallu biex jghid lil huh ma joqghodx jitkessah ghax kien sawwatlu lit-tifla tieghu. Sadattant hija kienet dahlet fil-karrozza ta' l-appellat sabiex tpejjep sigarrett li kien taha. Tghid li wara li kellmu dak ir-ragel huwa saq minn fuq il-post biha biex imorru ghal huh u minflok waqqaf f'post mudlam fejn allegatament stupraha. Marisa Cutajar, habiba ta' omissis li kienet maghha hdejn il-bandli, ukoll tghid li omissis dahlet fil-karrozza ta' l-appellat biex tpejjep sigarrett u f'daqqa wahda l-appellat tela' fil-karrozza u telaq b'omissis.

L-appellat ma xehedx izda waqt l-investigazzjoni cahad li ghamel dak li omissis kienet qed tallega. Pero` meta ghamel l-ewwel stqarrija tieghu semma' l-incident fejn marru zewgt irgiel ikellmuh ghax wiehed minnhom, Karmenu, qal li huh kien tefa' xi ponn hamrija fuq dahar it-tifla tieghu u qallu biex iwissieh halli ma jergax. Sakemm kellimhom, qal omissis dahlet fil-karrozza tieghu biex tpejjep sigarett li kien ghandha u kif telqu iz-zewgt irgiel imsemmija huwa telaq 'l hemm bit-tifel tieghu wara li omissis kienet nizlet mill-karrozza.

Kif gie osservat mela omissis tikkorrobora lill-appellat dwar l-incident ta' ragel li lmenta ma' l-appellat dwar xi haga li kien ghamel hu l-appellat lil bint dak ir-ragel. Dan ir-ragel, certu Carmel Spiteri, gie prodott bhala xhud in difesa u, apparti li kkonferma l-konfrontazzjoni li kellu ma' l-appellat, stqarr li l-appellat telaq minn fuq il-post flimkien ma' ibnu u hu segwieh peress li l-appellat kien qallu li se jmur jghid lil huh u hu (ix-xhud) ried jara min hu dan huh halli jghidlu hu stess biex lit-tifla tieghu ma jharisx lejha u ma jmisshiex. L-istess xhud jghid ukoll li meta kien qed jithaddet ma' l-appellat kien hemm tfajla li dahlet fil-karrozza tieghu u qaltlu jaghtiha naqra nar jew sigarett izda hi nizlet qabel ma l-appellat telaq minn fuq il-post ma' ibnu.

Apparti dan kollu, l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` tisma' x-xhieda *viva voce* u b'hekk tiehu qies ta' l-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda kollha.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk ma ssib l-ebda raguni valida biex tvarja tali konkluzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Tordna li, sabiex tigi protetta l-identita` tal-minorenni, isimha u kunjomha u dettalji ohra li bihom tista' tigi identifikata ma ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------